**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 18 ta' Frar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**-vs-**

**Matthew Micallef, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 133188M**

**Clinton Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 377582M**

*Kumpilazzjoni Nru. 232/2016*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Matthew Micallef u Clinton Galea u cioe`, talli:

1. Lil Matthew Micallef waħdu fil-kapaċita' tiegħu personali kif ukoll fil-kapaċita' tiegħu ta' Direttur tal-kumpanija Matrix Company Limited u lil Clinton Galea fil-kapaċita' tiegħu personali kif ukoll fil-kapaċita' tiegħu ta' Direttur tal-kumpaniji ACH Foods and Beverages Imports Limited u ACH Import and Distribution Limited talli nhar is-26 ta' Mejju, 2011, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu għall-ħabta ta' 4:30am fil-bini bl-isem 'BS Buildings', sitwat

Triq il-Mosta, Ħal Lija b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunaw il-mewt ta' Alfred Mizzi u dan ai termini tal-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fil-kapaċita' taghhom personali u/jew ta' Diretturi tal-kumpaniji Matrix Company Limited u ACH Foods and Beverages Imports Limited, u ACH Import and Distribution Limited u/jew bħala persuni responsabbli, fl-istess data, u f'kull ħin, lok u ċirkostanzi kif ukoll talli fix-xhur u/jew snin ta' qabel naqsu li jħarsu r-regolamenti tas-Saħħa u s-Sigurta', tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qieghed issir, u dan ai termini tal-provedimenti hekk kontemplati fil-Kapitolu 424 l-Att XXVII/2000 u A.L. 231/2007 u AL 47/1964.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-
Illi fuq skorta tad-decizjonijiet moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[1] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**,[2] kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[3] ix-xhieda tal-imputat Clinton Galea moghtija lill-Perit Arkitett Richard Aquilina fil-kors tal-inkjesta magisterjali, galadarba nghatat minghajr id-dritt li jkun assistiti mill-legali tal-ghazla tieghu ma ghandhiex aktar valur probatorju.

Illi l-imputati gew akkuzati kemm fil-kapacita` taghhom personali kif ukoll ghar-responsabilita` vikarja taghhom bhala diretturi ta' socjetajiet

[1] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[2] 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

[3] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

kummercjali rispettivi, u cioe` Matrix Co. Ltd. u ACH Foods and Beverages Imports Ltd. u ACH Import and Distribution Ltd.

Issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Daniela Debattista**:[4]

Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ghamlet ezami ta' dak dispost fl-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex imbaghad ghaddiet biex stabbilit ir-responsabbilta vikarja ta'l-appellanti u dan fil-vesti taghha ta' direttur tas-socjeta` JG Rentals. Issa l-appellanti targumenta illi dan id-dispost tal-ligi ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. ……..

Maghdud dan allura xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti illi tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex issib htija fl-appellanti billi ma jidhirx illi giet imsejjha biex tapplika xi responsabbilita penali fil-konfront tal-korp maghqud. Il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-appellanti illi l-artikolu 13 tal-Kap.249 ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina u dan ghaliex l-istess disposizzjoni tal-ligi hija cara fid-dicitura taghha u tapplika ghal kull reat minghajr ebda distinzjoni, u mhux kif donnha qed tikkontendi l-appellanti.

Riferenza issir ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et** fejn l-istess Qorti rriteniet:[5]

"Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-

[4] Appell Nru: 498/2015 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 16.11.2016
[5] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

**Izda**:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *— mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—***ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu***. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[6]"

Fil-kaz in dezamina u mill-assjem tal-provi jidher li l-imputati gew akkuzati minhabba r-responsabilta` vikarja taghhom minkejja li l-akkuza nghatat anke f'isem l-imputati personalment u fit-tieni imputazzjoni anke bhala 'persuni responsabbli'.

Il-Qorti ser tibda biex tiddetermina jekk tistax tinstab htija ghal din l-imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni

Illi hemm diversi aspetti li ghandhom jigu kkunsidrati meta qed tigi kkunsidrata r-responsabbilita` vikarja tal-imputati fuq din l-imputazzjoni.

[6] Appell Inferjuri: **Il-Pulizija vs Patrick Vella;** Deciza 31/08/2006

## A. *Nullum Crimen Sine Lege* - Lokuzzjoni Ibrida?

Illi l-akkuza tirreferi ghar-responsabbilita` li l-imputati kellhom bhala *"persuni responsabbli"* u mhux bhala persuni li jhaddmu. Tali terminologija certament ma tirreferix ghal xi rwol ta' responsabbilita` li seta' kellhom fil-kumpaniji rispettivi peress li fl-ewwel akkuza ma hemm ebda riferenza ghall "persuni responsabbli"!

Din id-distinzjoni fit-terminologija wzata hi ta' importanza in vista li filwaqt li l-Artikolu 6 tal- Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel riferenza ghal *"min ihaddem"*, din id-dicitura hi mankanti ghal kollox minn din l-akkuza. Mill-banda l-ohra *"persuna responsabbli"* hi citata fir-Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet (A.L. 231 tal-2007; L.S. 427.63).

Illi fil-fatt huma dawn ir-regolamenti li l-prosekuzzjoni ghazlet li tallaccja mat-tieni imputazzjoni tant li ticcita l-A.L. 231 tal-2007 (L.S. 427.63) u l-A.L. 47 tal-1964 (L.S.424.05)

Illi din l-imputazzjoni ma tirrispekjax ghal kollox id-dicitura tal-artikolu 6 tal-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, ghalkemm ittiehdu elementi mis-subartikolu (1) tieghu li jipprovdi:

> *Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:….*

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela Micallef,** deċiża mill-Imħallef William Harding nhar is-16 t'April, 1955:

> Fil-kaz prezenti, l-ufficjal prosekutur uza lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-ligi, la f'inciz wiehed u anqas fl-iehor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege" ….. jehtieg li tigi abbundanata darba ghal dejjem din id-drawwa li tigi uzata mill-ufficjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx riskontru taghha fil-ligi, u li biha l-Prosekuzzjoni qiesha trid li l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqghax taht ebda dispozizzjoni tal-ligi…….

Imma jehtieg li fl-imputazzjoni r-reat jigi formulat skond il-ligi altrimenti reat ma hemmx; ghax il-kliem inventati mill-ufficjal prosekutur, u mhux in konformita mal-ligi, ma joholqux reat.[7]
[sottolinejar tal-Qorti]

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ukoll kellha okkazzjoni tittratta dan il-punt u ddecidiet:

> Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.
>
> Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat.[8]

Sentenza oħra f'dan is-sens mogħtija mill-istess Qorti kienet dik **Il-Pulizija vs Christopher Abela:**

> Iżda minn qari tal-imputazzjoni jirriżulta li l-kliem użat f'din l-imputazzjoni jirrifletti aktar ir-reat ta' fastidju aktar milli r-reat ta' daqq ta' strumenti tal-mużika jew għajjat fit-triq jew fi ħwienet. Għalkemm huwa minnu li hemm ġurisprudenza paċifika li ċ-ċitazzjoni hija ritenuta bħala "*avviso a comparire*", mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-azzjoni hija ta' natura penali u għalhekk irid ikun hemm ċerta preċiżjoni fil-mod ta' kif imputazzjoni tiġi redatta u dan sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu għaliha. ….. Bħal ma ġara f'dak il-każ, f'dan il-każ, il-lokuzzjoni tal-imputazzjoni tgħaqqad fiha biċċa minn reat u biċċa minn reat ieħor. Il-Qorti Kriminali kienet tenniet li din il-lokuzzjoni ibrida ma ssibx korrispondenza fit-test tal-Liġi, la f'inċiż wieħed u l-anqas f'ieħor u meta hu hekk il-konsegwenza hija li "*nullum crimen sine lege*". Għalhekk ikkonkludiet li r-reat irid ikun formulat skont il-Liġi għax altrimenti reat ma hemmx.[9]
> [sottolinejar tal-Qorti]

Minkejja li l-lokuzzjoni uzata fil-kaz prezenti mhix wahda felici, il-fatt li l-emfazi fit-tieni imputazzjoni hi fuq in-nuqqas li tithares is-sahha u s-sigurta` ta' persuni li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qed isir, terminologija li tinsab biss fl-artikolu 6(1) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, din il-Qorti ser tqis l-akkuza bhala wahda li - ghalkemm mhux ghal kollox konformi ma dak is-subartikolu, meta jissemma fiha *"persuna responsabbli"* izda mhux *"min*

---

[7] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. XXXIXE(1955), p.1015
[8] **Il-Pulizija vs Eusebio Buhagiar**, per Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja Deciza 03.06.2016.
[9] Deciza 04.10.2016

*ihaddem"* kif dettat bl-istess subartikolu - xorta tista' titiqes bhala li tikkorispondi mal-artikolu **6(1) tal-Att** li jissanzjona r-reat ta' min ma jharisx is-sahha u sigurta` tal-impjegati minn tieghu. Madanakollu l-akkuza timputa lill-imputati bil-fatt li *"nqastu li tharsu r-regolameni tas-Sahha u s-Sigurta"*.[10]

Illi dak li jidher li ghamlet il-prosekuzzjoni kien li minflok attribwit il-ksur tar-regolamenti tal-1964 u tal-2007 f'akkuzi separati, ghaqdet f'akkuza wahda dak il-ksur mal-vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Att. Fil-fatt dawn il-proceduri gew istitwiti wara li l-Magistrat Inkwirenti fil-konkluzzjoni minn taghha fl-inkjesta sabet li l-*lift* kien gie installat minn Matrix Company Limited bi vjolazzjoni tal-Avviz Legali 231 tal-2007[11] u l-Avviz Legali 47 tal-1964.

Konsegwentement jidher li l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputati bir-reat ravvizat bl-artikolu 6(1) tal-Att precizament minhabba li ppercepiet ukoll vjolazzjoni tar-regolamenti tal-1964 u 2007 mill-imputati. F'dan l-isfond il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tkompli tikkunsidra l-provi migjuba biex jissostanzjaw din it-tieni imputazzjoni.

## B. Tirrizulta Responsabbilita` Vikarja?

### i. *Matrix Co. Ltd.*

Illi kif gja intqal l-inkjesta magisterjali kkonkludiet li kellhom jittiehdu passi kontra Matrix Co. Ltd bhala l-kumpanija responsabbli ghall-installazzjoni tal-*lift*. Tali installazzjoni saret qabel mal-mahzen gie mikri lil A.C.H. Food and Beverages Limited.

---

[10] Fol.1

[11] Vide xhieda fl-inkjesta ta' Vincent Attard a fol.74 *"ma kienx hemm gate fin-naha tal-platform u l-controls kienu accessibli minn fuq il-platform u ghalhekk dak kien jaqa that Notice No.231/2007…"*. Fil-fatt fir-regolament 3 ta' dak l-avviz legali jinghad:

> "lift" tfisser mezz ta' l-irfigh li jservi livelli speçifiçi, li ghandu karru li jimxi tul gwidi li huma rigidi u inklinati b'angolu ta' aktar minn 15 il-grad fin-naha orizzontali, intizi ghat-trasport ta' :–
> - persuni,
> - persuni u merkanzija,
> - merkanzija biss jekk il-karru huwa açççessibbli, jigifieri persuna tista' tidhol fih minghajr diffikultà, u mghammar b'kontrolli li jkunu jinsabu gewwa l-karru jew li jistghu jintlahqu mill-persuna gewwa l-karru.

Illi kuntrarjament ghal dak konkluz fl-inkjesta, ma jirrizultax li Matrix kriet il-mahzen lil A.C.H. Food and Beverages Ltd, izda kumpanija ohra separata u distinta, All for Property Ltd.,[12] isem li sussegwentement inbiddel kif jixhed Clinton Galea.[13] Il-ftehim datat is-6 ta' Dicembru, 2008, gie ffirmat minn Jozef Wallace Galea in rapprezentanza ta' Matrix u mhux minn Micallef, imputat f'dawn il-proceduri.

Illi l-kirja kellha tibda tiddekorri ghal 10 snin mill-25 ta' Jannar, 2009. Dan ifisser li l-prosekuzzjoni kellha tipprova li fiz-zmien meta inghata b'kirja l-mahzen, Micallef kien jokkupa xi kariga bhala ma hemm imsemmi fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u cioe` direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga. Ma nagebt l-ebda prova simili.

Illi fir rigward ta' Matthew Micallef dan iffigura biss bhala direttur ta' Matrix Co. Ltd. fiz-zmien li sehh is-sinistru. Quentin Tanti in rapprezentanza tar-*Registrar of Companies* jixhed li fis-26 ta' Mejju, 2011, Micallef kien direttur u ma jsemmi xejn dwar l-irwol li Micallef setgha kellu f'Matrix bejn is-6 ta' Dicembru, 2008 (data tal-ftehim) u l-25 ta' Jannar, 2009 (data li bdiet il-kirja).

Jissemmew dawn id-dati precizament minhabba dak li jipprovdu r-**Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet** (A.L. 231 tal-2007; L.S. 427.63), regolamenti maghmula kemm taht l-**Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol** izda, u t'aktar rilevanza ghal dak li ser jintqal aktar il-quddiem, taht l-**Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti,** Kapitolu 427 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-regolament 1(2) jistabilixxi li r-regolamenti 5 u 8 li jirregolaw registrazzjoni u spezzjonijiet preventivi ta' *lifts*, kellhom jidhlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2009 ghall-*lifts* ezistenti jew fl-1 ta' Jannar 2008 ghall-*lifts* godda.

Mill-banda l-ohra r-regolament 6, li jipprovdi li persuna responsabbli ghandha tizgura li lift ezistenti jew gdid isirlu ezami estensiv minn Korp

[12] **Dok. VM** a fol. 802
[13] Fol.821

Awtorizzat ghall-Valutazzjoni ta' Konformità, skatta sa mill 1 ta' Jannar, 2009.

Illi *"lift gdid"* gie mfisser bhala lift stallat u mdahhal fis-servizz sa mill-1 ta' Lulju, 2002, filwaqt li *"lift ezistenti"* gie mfisser bhala lift li kien stallat u ddahhal fis-servizz qabel l-1 ta' Lulju, 2002. **Ma nagbet ebda prova dwar meta gie nstallat u effettivament iddahhal fis-servizz l-lift in kwistjoni.** Kien biss l-Inginier Raymond Spiteri li stabilixxa li l-lift kien manifatturat fis-sena 2000,[14] izda data ta' meta gie installat u iddahhal fis-servizz dan il-*lift* fil-mahzen, tibqa' fatt mhux pruvat u b'hekk ma jistax jinghad definittivament taht liema terminu kien jaqa'. Pero` mhemmx dubbju li galadarba Matrix Co. Ltd. ghaddiet il-kirja tal-mahzen bil-*lift* jahdem fil-25 ta' Jannar, 2009, ir-responsabilita` ta' Matrix estendiet biss mid-dhul fis-sehh tar-regolamenti rispettivi sa dak il-jum tal-25 ta' Jannar, 2009 u mhux oltre`.

Illi ma giex pruvat li Micallef kellu xi rwol f'Matrix Co. Ltd., sal-25 ta' Jannar, 2009 – data li ghaddiet il-kirja tal-mahzen lil All for Property Ltd. - u li naqas milli jaderixxi mal-obbligi mposti b'dawk ir-regolamenti.

Imma mhux biss. Ir-regolament 2 jistabilixxi s-segwenti bhala dik il-persuna li fuqha jaqaw l-obbligi mposti bl-istess regolamenti:

*"persuna responsabbli", f'relazzjoni ma'…*
*(c) f'post tax-xoghol:*
*(i) il-persuna responsabbli ghandha tkun il-principal jew principali li jkunu qed joperaw fil-post tax-xoghol jew mill-post tax-xoghol, skond il-kaz, u fil-kaz li hemm iktar minn principal wiehed, ir-responsabbilta ghandha tinqasam bejn il-principali kollha*

Ma gie lanqas ppruvat li Matthew Micallef in rapprezentanza ta' Matrix Co. Ltd., f'xi zmien qabel ghaddiet il-kirja tal-mahzen lil All for Property Ltd., kien jikkwalifika bhala *"persuna responsabbli"* ai termini tal-istess regolamenti.

**Ghalhekk ma tista' tigi attribwita l-ebda responsabbilita` lil Matthew Micallef ghal xi ksur ravvizat bl-artikolu 6(1) tal-Att jew bir-Regolamenti tal-2007 ghar-ragunijiet msemmija u ghaldaqstant qed jigi liberat mit-tieni imputazzjoni**.

---

14 Fol.162

ii. ACH Foods and Beverages Imports Limited u ACH Import and Distribution Limited

Illi gie ampjament ppruvat li fiz-zmien meta sehh is-sinistru Clinton Galea kien direttur ta' ACH Foods and Beverages Imports Limited kif ukoll ta'ACH Import and Distribution Limited. Meta titqies ix-xhieda ta' Claude Zammit ma jifdal ebda dubbju li Galea kien wiehed mill-*employers*.[15] Ghalkemm quddiem il-Perit Aquilina Zammit xehed li hu kien impjegat ma ACH Foods and Beverages,[16] meta xehed f'dawn il-proceduri qal li fiz-zmien tas-sinistru kien impjegat ma ACH Imports Ltd.[17] Mhemmx dubbju izda li hu kien impjegat ma kumpanija li taghha Galea kien direttur.

Illi **Clinton Galea** xehed li All for Property Ltd. inbiddilha l-isem ghall ACH Food and Beverages Imports Limited.[18] Xogholu kien f'ufficju fil-mahzen stess u peress li kien jadem fuq il-bahar *"Nibqa sejjer il-warehouse…jien nibda bix-xoghol tal-karti li jkun hemm, ordnijiet, x'hemm nieqes biex nibda nordna minn barra"*.[19] Jghid li kellhom impjegati maghhom 21 haddiem.[20]

Minn dan jirrizulta ghalhekk li Galea jista' jitqies bhala *"persuna responsabbli"* u li fuqu kellhu diversi obbligi li jiskataw mill-qafas regolatorju dwar *lifts.* Jirrizulta wkoll li Galea kien persuna li jhaddem u ghalhekk jinkwadra fir-rekwiziti tar-reat ravvizat bl-artikolu 6 tal-Att. Imiss ghalhekk li jigi determinat jekk l-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-konfront tal-imputat Galea fuq din it-tieni imputazzjoni.

---

[15] Fol.212
[16] Fol.121
[17] Fol.211
[18] Fol.821
[19] Fol.823
[20] Fol.824

## C. Provi Migjuba fil-konfront ta' Clinton Galea

Illi l-kaz tal-prosekuzzjoni hu ghall-kollox msejjes fuq il-periklu li l-*lift* fil-mahzen kien jipprezenta tenut kont li ma kienx konformi ma dak li jipprovdu r-**Regolamenti tal-1964 u tal-2007** u b'hekk ma kienx qed jigi osservat l- Artiklu 6 tal-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** li jipprovdi:

> ***6.*** *(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

Ma gie riskontrat l-ebda nuqqas iehor li b'konsegwenza tieghu ma setghetx tigi zgurata *s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol.* Ghalhekk sabiex din l-akkuza tigi soddisfacentment ppruvata, irid jigi pruvat li l-imputat Galea konsapevolment ittraskura li jhares u jaderixxi mal-obbligi naxxenti mill-Att *inter alia* minhabba li ma gewx osservati r-Regolamenti tal-1964 u tal-2007.

Illi l-**Inginier Vincent Attard** xehed li meta ezamina l-*lift* sab li dan ma kienx certifikat *"**Ma kellux certifikat validu tal-Inginier kif titlob il-Ligi.** Dan il-lift kif kien maghmul billi kellu l-kontrolli li jintlahqu mill-gagga, mill-platform, jaqa' taht il-Ligi tal-2007 …..u **kien jirrikjedi li jsirulu preventive inspection report kull sitt xhur.** …. Kellu bibien fuq barra biss u kellu l-kontrolli jintlahqu minn gewwa l-platform… Dan jidher li kien maghmul bhala l-goods lift imma l-Ligi fid-definition ta' lift tghidlek li jekk huwa goods lift u l-kontrolli tieghu jintlahqu mill-kaxxa tal-lift once li jidhol fil-lift jigifieri **jekk ghandek access ghal kontroll jitqies bhala passenger lift** ghalhekk ghidt li dan il-lift jaqa' taht il-Ligi tat-2007 ghax ghandna Ligi ohra tan-1964 li tkopri biss il-goods lift. Imma nerga' nghid kif dan, billi dan il-lift kellu kontrolli li jintlahqu jigifieri inti tista' tidhol fil-kaxxa tal-lift taghfas il-kontroll u jitla' bik. **Biex tkun goods lift irid ikollu kontrolli barra li inti ma tistax tidhol fil-lift u thaddem il-lift".**[21]* Ikompli *"ghandek il-controls li huma accessibli minn gol-lift, … kellu bibien fuq barra jigifieri l-lift ghandek l-ending gates u l-gauge gates… Ghandek zewg settijiet ta' gates f' passenger lift normali. Dan kellu gates fuq barra biss …. jekk hu passenger lift kellu nuqqas serju ta' gates… Billi kellu l-controls accessibli mill-cage tal-lift jitqies bhala passenger lift u jaqa' taht il-Ligi tal-2007…. Passenger goods [jista jiehu*

[21] Fol.196-197

*t-tnejn]…Passiggieri u materjal. Goods lift huwa materjal biss ma jistax itella' passiggieri".*[22] Attard hu kategoriku ***"Kien mahdum ghal goods lift ghax anke billi kellu l-gates fuq barra biss la kien goods lift suppost kelli l-kontrolli fuq gewwa tal-cage."***[23] In kontro-ezami jikkonferma li ma sab l-ebda hsarat fil-lift.[24]

Illi **Charles Micallef**, principal mal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, xehed li ghalkemm il-*lift* kien *goods lift "kien jintuza bhala passengers lift."* **Fuq il-lifter kien hemm *fork lifter* li kien qed issirlu servicing.**[25] Jghid li hu ma wasal ghall-ebda konkluzzjoni. Semma' li Mizzi kien jiehu hsieb l-operat tal-mahzen filwaqt li l-imputat kien jiehu hsieb il-*paper work*.[26] Fuq domandi tal-Qorti kkonferma li ***"It was a goods lift…kontra l-ligi li tuzah [bhala passenger lift]"*** izda aktar importanti minn hekk jghid li ghalkemm <u>wiehed xorta kellu jiccertifikah</u>, bhala *goods lift*, kien ikun wiehed ***"regolari".***[27]

Illi l-**Inginier Raymond Spiteri** fir-rapport tieghu jghid hekk ***"The lifting platform is not suitable and adequate by design to be used as a passenger lift****….LN231 of 2007 and LN 47 of 1964 prohibit the use of such equipment for the vertical transportation of passengers….the control function of the lifting platform was similar to that found in normal passenger lifts and they were installed next to the entrance to the platform….This situation gives rise to* ***abuse*** *namely that a passenger may travel from one floor to another simply by registering the floor within easy reach from inside the lifting platform".* L-espert ikompli jikkonferma li dan il-lift kien intiz ghall-*goods lift* minhabba l-fatt li *"originally the lifting platform was operated with a 'hold to run' control button as per legal requirements…the operator has full control of the lifting platform from outside the lifting platform and its operation is stopped immediately should an emergency occur."*[28]

Mix-xhieda ta' dawn l-esperti in materja ghalhekk jirrizulta li giet riskontrata <u>irregolarita` dwar dak il-lift peress li</u>:

---

[22] Fol.199
[23] Fol. 200
[24] Fol.203
[25] Fol.250
[26] Fol.252
[27] Fol.254
[28] Fol.165

(i) il-<u>controls li kienu accessibbli</u> mill-*lifting platform* u b'hekk kienu jaghtu lok t'abbuz li jintuza minn persuni ukoll – kif jirrizulta li gara meta Mizzi mhux talli ddecieda juza l-*goods lift* bhala passiggier, izda sahansitra beda jinnavika mal-*fork lifter* fuq il-*lifting platform* stess;[29] u

(ii) <u>ma kienx gie certifikat u registrat</u> skond il-ligi.

Illi l-imputat Galea jammetti li kien jaf li Mizzi kien juza l-goods lift *"<u>u normalment</u> lanqas il-haddiema ma kienu juzawh, vuol diri kienet xi haga li juzah esklussivament hu….kien jintuza minnu biss"*[30]

Bhala direttur ta' ACH Foods and Beverages Imports Limited, liema kumpanija kienet thaddem 21 haddiem,[31] Galea kien fi dmir jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tieghu *inter alia* billi jiddentifika riskji fuq il-post tax-xoghol (li kieku dan sar l-irregolaritajiet marbuta mal-lift li ssemmew kienu jigu identifikati) u jiehu l-miżuri biex jirriduċu r-riskji kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż.

Indubbjament ghalhekk hu applikabbli ghall-imputat Galea l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta kompriz, f'certi kazi l-inversjoni tal-oneru tal-prova, u cioe` li, una volta jigi stabbilit li l-incident ikun gara tort tal-korp jew ghaqda ta' persuni, ikun jinkombi fuqu li jipprova li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan apparti kull negligenza, nuqqas ta' hila fl-arti jew is-sengha tieghu, jew naqqas ta' tharis tar-regolamenti minn naha tieghu personalment, li jistghu talvolta jirrizultaw f' dan il-kaz.

Illi Galea naqas li jipprova li kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex ir-reati ravvizati kemm bil-Att kif ukoll bir-Regolamenti tal-1964 u tal-2007 jigu evitati.

---

[29] Vide ritratti a fol.54-56
[30] Fol.835
[31] Fol.824 - xhieda ta' Galea stess.

Dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 6 tal-Att issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja vs John Magro et**:[32]

> Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-*risk assessment* li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull *employer* biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha w sigurta' skond l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424. Tajjeb li jigi rilevat li skond il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha w sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f' dan il-kaz- li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah *plug* meta kien *"live"*, dan xorta ma jezimix lill-appellati mir-responsabillta' taghhom bhala *employers* minn-nuqqasijiet taghhom skond din il-ligi specjali.

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** iddikjarat:[33]

> Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz .
>
> Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x' mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu *"reasonably practicable"* u gie ritenut li din il-frazi *"seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. <u>The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed."</u>* **"Walter,Wilson &. Son v.Summerfield"** [1956] 1W.L.R.1429). F' **"Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd** [1973] S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "*<u>it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge</u>."* (Ara **CHARLESWORTH** "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153). [emfazi ta-Qorti]

---

[32] **Il-Pulizija vs John Magro, Michael Attard, Paul Magro u Ian Magro**, App. Krim. Nru 149/2008, 11 ta' Dicembru, 2008. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

[33] App. Krim. Nru. 123/2006, 11 ta' Jannar, 2007. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

Ghalkemm mill-atti processwali baqa' ma giex soddisfacentement ppruvat kif sehh is-sinistru, l-Perit Aquilina jghid li fl-opinjoni tieghu s-sinistru sehh *"x'hin Alfred Mizzi kien fuq il-platform, li kienet tiela, u dan zelaq fuq iz-zejt, qabditlu riglu mal-furketta u waqa' l-quddiem fejn inqabditlu rasu bejn il-platform u t-travu tal-hadid."*[34] Din il-konkluzzjoni sservi biss biex issahhah kemm kienet azzardata w insensata l-azzjoni ta' Mizzi u kemm effetivament ghazel li jabbuza u jipperikola ruhu meta baqa jahdem fuq il-*fork lifter* li kien fuq il-*lifting platform* fil-hin li kien qed jigi mhaddem il-*lift*.

Illi dan ma jnaqqas xejn mir-responsabilita` ta' Galea fejn jirrizulta **ampjament ippruvat li naqas milli jassigura li l-impjegati tal-kumpanija li kien jirraprezenta jigu protetti minn riskji, jigu mharsa l-kundizzjonijiet ta' sahha u sigurta taghhom fil-mahzen *inter alia* billi jittiehdu d-debiti mizuri ravvizati bl-artikolu 6(2) tal-Att.**

**Jirrizulta wkoll li lift ma kienx registrat mal-awtorita` jew li sarulu *preventive inspections* bi ksur tar-regolamenti 5 u 8 tar-Regolamenti tal-2007.[35] Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest it-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-imputat Clinton Galea.**

Illi kwalunkwe responsabbilita` taht l-Att u tar-Regolamenti tal-2007 attribwibbli lil Galea hija wahda attribwibbli wkoll u bl-istess qies lil Alfred Mizzi li sahansitra ghazel li jipperikola hajtu meta ssogra w abbuza bil-kbir fl-agir tieghu. Mizzi, kien ukoll *"persuna responsabbli"* ai termini tal-istess regolamenti kif ukoll *"min ihaddem"* ai termini tal-Att daqs kemm kien l-imputat Galea. Mizzi kien ukoll direttur tal-kumpanija ACH Foods and Beverages Imports Ltd;[36] skond l-impjegat Claude Zammit *"Kien hu li jiftah filghodu. L-ingenji, il-makkinarji kollox hu kien jiehu hsieb…Kollox f'idejh".*[37] Kif intqal ir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet (A.L. 231 tal-2007; L.S. 427.63) jipprovdu li -

> *(c) f'post tax-xoghol:*
> *(i) il-persuna responsabbli ghandha tkun il-principal jew principali li jkunu qed joperaw fil-post tax-xoghol jew mill-post tax-xoghol, skond il-kaz, u fil-kaz*

[34] Fol.78
[35] Xhieda Inginier Attard a fol. 196.
[36] Fol.244
[37] Fol.213

*li hemm iktar minn principal wiehed, ir-responsabbilta ghandha tinqasam bejn il-principali kollha*.

## D. Qafas Regolatorju

### *(i) Artiklu 6 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*

Illi gja saret ampja riferenza ghal dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Att li dwaru l-imputat Galea qed jinstab hati.

### *(ii) Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet (A.L. 231 tal-2007; L.S. 427.63)*

Illi mhemmx dubbju li wara l-31 ta' Dicembru, 2008, bdew japplikaw ir-**Regolamenti dwar Spezzjoni ta' Liftijiet** (A.L. 231 tal-2007; L.S. 427.63).[38]

[38] Dawn ir-regolamenti jaghmlu ampja riferenza ghall liftijiet ta' persuni u merkanzija kif ukoll ghall-liftijiet ta' merkanzija Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-espert Inginier Spiteri meta stqarr li: *"**bhala passenger lift** …..dan il-lift jaqa' taht il-Ligi tat-2007 ghax ghandna Ligi ohra tan-1964 li tkopri biss il-goods lift."- fol.197.*

Fil-fatt w unikament ghall-finijiet ta' kompletezza jigi sottolinejat li r-regolament 11(1)(b) hekk kif ppublikat bl-avviz legali 231 tal-2007 ma jaghmilx distinzjoni bejn ir-regolament 3(2) tar-Regolamenti tal-1964 (A.L. 47 tal-1994; S.L. 424.05) kif insibu fil-paragrafu (a) tieghu. Madanakollu mill-*website* ufficjali tal-justice services il-verzjoni ma taghmel l-ebda differenza bejn il-paragrafi, u cioe` fiz-zewg paragrafi issir riferenza biss ghar-regolament 3(2) tal-A.L. 47 tal-1964 li jfisser li l-kumplament ta' A.L. 47 tal-1994 baqa' japplika anke wara il-31 ta' Dicembru, 2008, sakemm kien biss bl-A.L. 293 tal-2016 [ Bir-regolament 13 (1)(c) tar Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà) gew revokati Ir-*Regolamenti ta' l-1964 dwar Fabbriki (Parankijiet u Liftijiet),* (Avviz Legali 47 tal-1964, Ligi Sussidjarja 424.05)] li dan l-Avviz Legali gie revokat:

> (b) ghal liftijiet ezistenti stallati f'post tax-xoghol, ir-regolament 3(2) ta' dawk ir-regolamenti ghandu jibqa' japplika sal-31 ta' Dicembru, 2008, izda ghandhom jibqghu japplikaw ghall-makkinarju l-iehor kollu li ghalih japplikaw dawk ir-regolamenti.

Illi l-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji fl-artikolu 11A(4) jirrisolvi kull dubbju:

Madanakollu w minkejja li gja` gie determinat li l-lift la kien rregistrat u lanqas ma sarulu *preventive inspections* bi ksur tar-regolamenti 5 u 8 tar-Regolamenti tal-2007,[39] **dawn ir-regolamenti huma karenti mir-rekwizit ta' l-hekk msejjha certezza legali li ghandha tippervadi kull strument statutorju, partikolarment fil-kamp penali**.

Illi r-Regolamenti promulgati bl-Avviz Legali 231 tal-2007, saru kemm bis-sahha l-artikolu 12(1) ta' l-**Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol**, izda anke bis-sahha tas-setghat moghtija bl-artikoli 38 sa 40 ta' l-**Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti**.

Illi huwa hawn fejn wiehed jiskontra diffikulta` f'zewg aspetti:

(i) Preskrizzjoni

Filwaqt li reat maghmul ai termini tal-Att **dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol** igorr terminu preskrittiv ta' **6 snin**, reat maghmul ai termini tal-**Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti** ghandu terminu preskrittiv ta' **sentejn** (Artikolu 31).

**Ghaldaqstant ghall-istess vjolazzjoni tar-Regolamenti tal-2007 (A.L. 231 tal-2007) jezistu perijodi preskrittivi differenti.**

(ii) Bidu ta' Procediment

Illi l-artikolu 30 tal-**Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti** jipprovdi li proċedimenti dwar reat taħt dak l-Att jinbdew biss fuq istanza tad-Direttur Ġenerali.

---

*(4) Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, it-test ta' kull liġi pubblikata fuq sit tal-Internet skond dan l-artikolu għandu jitqies li jkun riproduzzjoni vera tal-liġi li tkun tinkorpora kull emenda sad-data indikata fuq is-sit tal-Internet.*

[39] Xhieda Inginier Attard a fol. 196.

**Dan ifisser li ai termini tal-imsemmi Att, biex azzjoni titmexxa l-quddiem tinhtieg l-istanza tad-Direttur Generali, xi haga li ma tirrizultax li qatt saret.**

**Inoltre` ai termini tal-istess Att ir-reati prospettati b'dawn ir-regolamenti gew preksritti fis-26 ta' Mejju, 2013, filwaqt li l-akkuzi nqraw fid-9 ta' Gunju, 2016.**

Illi fil-Kommunikazzjoni Mill-Kummissjoni Ewropeja lill-Parlament u Lill-Kunsill, Qafas Gdid Bies Jissahhah l-Istat tad-Dritt, insibu:[40]

> *L-istat tad-dritt u s-sistema legali tal-Unjoni*
>
> L-istat tad-dritt huwa prinċipju kostituzzjonali legalment vinkolanti. Huwa unanimament rikonoxxut bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali inerenti fis-sistemi kostituzzjonali kollha tal-Istati Membri tal-UE u l-Kunsill tal-Ewropa.
>
> Ferm qabel ma l-prinċipju tal-istat tad-dritt kien imsemmi b'mod espliċitu fit-Trattati tal-UE[41], il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-1986 "Les Verts" kienet enfasizzat li l-UE hija bbażata fuq l-istat tad-dritt minħabba li la l-Istati Membri u lanqas l-istituzzjonijiet tagħha ma jistgħu jevitaw stħarriġ tal-mistoqsija jekk il-miżuri adottati minnhom humiex f'konformità mal-Karta Kostituzzjonali bażika, it-Trattat"[42].
>
> Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tindika li l-istat tad-dritt huwa s-sors tal-prinċipji ġustizzjabbli applikabbli b'mod sħiħ fiis-sistema legali tal-UE. Il-Qorti tenfasizza wkoll li dawn il-prinċipji huma prinċipji ġenerali tal-liġi mnisslin mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. Il-prinċipji li ġejjin huma sinifikanti:
>
> **(a)** **il-prinċipju tal-legalità,** li f'termini sostanzjali jinkludi proċess trasparenti, responsabbli, demokratiku u pluralista biex jiġu ppromulgati l-liġijiet. Il-Qorti kkonfermat il-prinċipju tal-legalità bħala prinċipju fundamentali tal-Unjoni, billi stqarret li "[...] f'komunità ta' dritt, ir-rispett tal-legalità għandu jkun garantit kompletament "[43];
>
> (b) **iċ-ċertezza tad-dritt,** li tirrekjedi fost oħrajn li **r-regoli jkunu ċari u prevedibbli** u ma jistgħux jinbidlu retroattivament. .....

---

[40] Strasburgu 11.03.2014, COM(2014) 158 Final

[41] L-ewwel referenza għall-istat tad-dritt kienet tinsab fil-Preambolu tat-Trattat ta' Maastricht tal-1992. It-Trattat ta' Amsterdam semma l-Istat tad-Dritt fl-Artikolu 6(1) sostanzjalment bl-istess mod bħall-Artikolu 2 kurrenti tat-TUE.

[42] Il-Kawża 294/83, "Les Verts" vs Il-Parlament Ewropew, [1986] Ġabra 01339, paragrafu 23.

[43] Il-Kawża C-496/99 P, Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta [2004] Ġabra I-03801, paragrafu 63.

*L-istat tad-dritt u l-Kunsill tal-Ewropa*

Dawk l-aspetti tal-istat tad-dritt bħala denominatur komuni tal-Unjoni huma riflessi b'mod sħiħ fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa. Filwaqt li ma hemmx definizzjoni fl-istatut tal-Kunsill tal-Ewropa jew fil-KEDB[44], u minħabba li l-lista preċiża tal-prinċipji, l-istandards u l-valuri li joriġinaw mill-istat tad-dritt jistgħu ivarjaw fuq livell nazzjonali, il-Kummissjoni ta' Venezja, f'rapport ippubblikat fl-2011 tirreferi għall-istat tad-dritt bħala "standard Ewropew fundamentali u komuni biex jiggwida u jillimita l-eżerċizzju tas-setgħat tad-demokrazija" u bħala "parti inerenti ta' kull soċjetà demokratika" li "tirrikjedi li kulħadd jiġi trattat minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet b'dinjità, ugwaljanza u razzjonalità u skont id-dritt, u jkollu l-opportunità li jikkontesta d-deċiżjoijiet quddiem qrati indipendenti u imparzjali". [45]Partikolarment, fuq il-bażi wkoll tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fir-Rapport tagħha l-Kummissjoni ta' Venezja identifikat il-karatteristiċi importanti u ġeneralment komuni iżda mhux eżawrjenti li ġejjin tal-istat tad-dritt:

(a) legalità (inkluż proċess trasparenti, responsabbli u demokratiku li jippromulga l-liġijiet);
**(b) ċertezza tad-dritt;**
(c) projbizzjoni ta' arbitrarjetà;
(d) aċċess għall-ġustizzja quddiem qrati indipendenti u imparzjali;
(e) rispett għad-drittijiet tal-bniedem; nondiskriminazzjoni u ugwaljanza quddiem id-dritt. [emfazi tal-Qorti]

Fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali qalet:[46]

Fid-decizjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza Brumarescu v. Romania (1999 –VII ; 33 EHRR 862 para 61) kien inghad hekk hekk –

The right to a fair hearing before a tribunal ... must be interpreted in the light of the Preamble ... which declares ... the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty which requires inter alia that where the courts have finally determined an issue their ruling should not be called into question ...

F'sentenza ohra mill-istess Qorti gie kkunsidrat:[47]

[44] Fil-preambolu tad-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (1948) hemm referenza għall-istat tad-dritt iżda l-ebda definizzjoni.
[45] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-4 ta' April 2011 L-Istudju Nru 512/2009 (CDL-AD(2011)003rev).
[46] Qorti Kostituzzjonali, Deciza 25.02.2013, matthew LNZON VS Kummissarju tal-Pulizija

*"Illi rigward il-principju tac-certezza tad-dritt ghandu jinghad li dan il-principju nsibuh sancit f'diversi sistemi progrediti senjatament fil-Germania taht l-isem "Vertranensschutz"; fi Franza taht l-isem ta' "protection de la confiance legitime" u taht il-ligi Ngliza originarjament bhala "protection of legitimate confidence" li sussegwentement, biex jigi evitat kull ekwivoku inutili il-kelma "confidence" kienet sostitwita bil-kelma "expectation";*

*"Illi sintetikament dan il-principju rikjamat mir-rikorrenti jistabbilixxi li ligijiet ghandhom mill-inqas jissodisfaw is-segwenti rekwiziti:*
*"i. Illi jkunu cari bizzejjed biex jiddefinixxu b'mod li wiehed ikun jista' minghajr sforzi mmani, mill-ewwel japprezza l-agir minnu rikjest u allura, jistabbilixxu dik il-prevedibilita' legittima tal-agir mistenni u tal-konsegwenza f'kaz ta' nuqqas;*

*"ii. Illi ghalhekk fost affarijiet ohra, ligi ghandha kemm jista' jkun – specjalment dik ta' indola kriminali –*
*tissodisfa fost l-ohrajn is-segwenti kriterji:…..*
*"d. Illi trid tkun cara fl-aspetti kollha taghha kemm lingwistici, kif ukoll logici u legali;…..*

*"iii. Illi ghalhekk kemm l-agent attiv, kif ukoll il-professjonist legali li jkollu l-obbligu jaghti l-pariri tieghu fir-rigward, ikunu orjentati bi precizjoni bizzejjed biex kemm l-azzjoni jew indikazzjoni de quo tkun ibbazata fuq kriterji cari li jorjentawhom b'mod adegwat u sewwa fir-rigward;*

…..
Artikolu 7 – principji

29. Il-garanzija moghtija mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tokkupa pozizzjoni prominenti fis-sistema tal-Konvenzjoni kif sottolineat mill-fatt li ebda deroga ghaliha ma hi permessa taht l-Artikolu 15 tal-istess Konvenzjoni f'kaz ta' gwerra jew emergenza pubblika. L-artikolu inkwistjoni ghandu jifthiem u jigi applikat skont l-ghanijiet intiz li jilhaq b'tali mod li jipprovdi garanziji effettivi kontra prosekuzzjonijiet, sejbien ta' htija u pieni arbitrarji [ECHR (GC) Scoppola v. Italy (Nu.2), 17 ta' Settembru 2009, #92]. Skont l-Artikolu 7(1) tal-istess Konvenzjoni l-ligi biss tista' tistabilixxi reat u tippreskrivi l-piena ghalih u ghalhekk ir-reati u l-pieni relevanti ghandhom jigu kjarament definiti bil-ligi. Din il-htiega tigi sodisfatta meta l-individwu jista' jkun jaf mill-kliem tad-dispozizzjoni relevanti u, jekk mehtieg, bl-assistenza tal-interpretazzjoni taghha millqrati, liema atti u ommissjonijiet jirrenduh kriminalment imputabbli Ibid #93-94; [ara wkoll ECHR Camilleri v. Malta, 22 Jannar 2013, #34 ]. Il-kuncett ta' ligi jikkomprendi kemm ligi statutorja kif ukoll kazistika u jimplika certi rekwiziti kwalitattivi, fosthom dawk ta' accessibilita` u prevedibilita`[ Ara ECHR Cantoni v. France, 15 Novembru 1996, #29; Coeme and Others v. Belgium, 22 Gunju 2000, #145; Camilleri v. Malta op.cit.#35] li jridu jigu

[47] Deciza 16.12.2013 S.T.O. Prim Imahllef Silvio Camilleri, Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor Imhallef Noel Cuschieri

> sodisfatti kemm ghar-rigward tad-definizzjoni tar-reat kif ukoll rigward il-piena li r-reat igib mieghu[ECHR Kafkaris v. Cyprus (GC), 12 Frar 2008, #140].

Sentenza ohra din id-darba mill-Qorti Tal-Appell fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana** gie deciz:[48]

> Wara kollox, mhux inawdit li jigi mtenni li c-certezza tad-dritt ghandha tkun il-mira li ghaliha ttendi s-sistema guridika. Dan il-principju tac-certezza tad-dritt, flimkien ma' dak tan-non-retroattivita`, huma wkoll pilastri rassikuranti fit-thaddim tal-principji generali tal-ligi komunitarja. Ara para. 13 tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tat-8 ta' Ottubru 1987 in re "**Kolpinghuis Nijmegen B.V.**
> **(Kaz Nru. 80/86**);

Illi nghad:

> The principle of legal certainty, inherent to any western legal system, appears in manydifferent shapes. At the crossroads of European legal traditions, the case-law of the Court of Justice of the European Union is testament of that fact. According to the Court, the principleof legal certainty requires that rules of law be known, clear, precise, stable, certain andpredictable as regards their effects.
> …..
> According to the ECJ the principle of legal certainty requires, in a nutshell, « that rules of lawbe clear, precise and predictable as regards their effects »[49]. The application of the rules of lawmust therefore « be foreseeable by those subject to them »[50] . It demands in particular that EU« rules enable those concerned to know precisely the extent of the obligations which areimposed on them. Individuals must be able to ascertain unequivocally what their rights andobligations are and take steps accordingly »[51]. One should notice the absolute terms used bythe ECJ, that evoke the cartesian logic of legal certainty.[52]

Fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Frank Cachia, Michael Ciappara, Mario Ciappara u Anthony Azzopardi**:[53]

---

48 Onor. Imhallef Philip Sciberras, Deciza 10 ta' Jannar, 2007; Appell Civili Numru. 266/2005/1

49Case C-72/10-C-77/10, Marcello Costa, 16 February 2012, § 74.

50 Case C-201/08, Plantanol, 10 September 2009, §46.

51 Case C-345/06, Heinrich, 10 March 2009, §44.

52 The principle of legal certainty in the case-law of the European Court of justice : from certainty to trust

53 Onor. Imhallef Geofrrey Valenza, Agent President, Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor Imhallef Tonio Mallia; Deciza 25.05.2012; Appell Civili Numru. 10/2009/1

**13.** L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni gie interpretat diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg u gew senjalati diversi principji li l-awtrici Karen Reid tigbor f'din is-silta tal-ktieb taghha [A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights 3rd Edition f' pagna 192]. Hi tikteb hekk:

*"Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual should be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the courts'interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable.6 That generally entails that the law must be adequately accessible – an individual must have an indication of the legal rules applicable in a given case – and he must be able to foresee the consequences of his actions, in particular, to be able to avoid incurring the sanction of the criminal law.[* **G v. France** , para 25.]

*"In terms of the standard of legal certainty or foreseeability, absolute certainty cannot be required, and indeed may be undesirable, entailing the risk of excessive rigidity, since the law has to be able to keep pace with changing circumstances.[Streletz, Kessler and Krenz. ] A standard of "reasonableforeseeability" is sufficient.* [*Sunday Times, para 49.]*

*"The Court in CR and SW v UK noted that judicial interpretation of criminal law was a widespread and even necessary feature. Art. 7 could not be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the "essence" of the offence. [Para 36. u* ***Delbos v. France*** *16/92004] Nor should the criminal law be extensively construed to an applicant's detriment, for example, by analogy".[Baskaya and Okcuoglu u Dragotoniu and Militaru –* ***Pidhorni v. Rumania*** *24/5/2007]*

**Ghalhekk u b'konformita` mal-principju li l-ligi ghandha tigi applikata b'tali mod li ma jissarrafx fi pregudizzju ghall-akkuzat, maghdud ukoll mal-fatt li aspett integrali tar-*rule of law* hija c-certezza tad-dritt, aspett ghal kollox mankanti fl-applikazzjoni w interpretazzjoni tar-Regolamenti tal-2007,** Clinton Galea ma jistax jinstab hati ta' ksur tar-Regolamenti promulgati bl-Avviz Legali 231 tal-2007.

L-ewwel imputazzjoni – Qtil involuntarju.

Imiss issa li tigi kkunsidrata l-ewwel imputazzjoni.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** kien deciz:[54]

> "Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.
>
> Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.
>
> Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.
>
> Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.
>
> L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.
>
> In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.
>
> L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".
>
> Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.
>
> Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

[54] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu, 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli.

“Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …”

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkaguna l-mewt ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta’ Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

“Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, li tkun segwita b’ness ta’ kawzalita’ minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f’kondotta effettivament adegwata ma’ dik ta’ persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe’ fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta’ intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta’ gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.”

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

“La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta’ di valutazione”.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;
u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa’ dejjem li l-element taghha huwa <u>volontarjeta’ tal-att, in-nuqqas ta’ previzjoni tal-effetti dannuzi ta’ dak l-att u l-possibilta’ ta’ previzjoni ta’ dawk l-effetti dannuzi.</u> Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b’diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista’ ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta’ Dicembru 1958 mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali). [sottolinejar tal-Qorti]

X’inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f’kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta’ nuqqas ta’ hsieb, jew ta’ traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f’dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable

negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti…. .""

…..Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah *"esprit de voiture"*. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt, u li fil-fehma taghha ghandha kull dritt li tasal ghal konkluzjoni li qed tasal ghaliha stante c-cirkostanzi kollha migbura fil-process u partikolarment li kien hemm fattur ta' speed eccessiv li wassal biex sar l-incident in dezamina. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: " **Il-Pulizija vs AIC Mortimer"** (Kollez. Vol. XL . iv. p.1282) "Speed jista' jigi dedott minn brake marks", u fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs R. Bugeja**" (30.6.1962) intqal ukoll li "Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza w mill-fatturi ambjentali tal-mument"…..

Il-Qorti dahlet *in funditus* dwar din il-kwistjoni ta' *speed* proprju minhabba dak li gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju 1962*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Portelli** fejn intqal li:

*"Mhux bizzejjed pero li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi bizzejjed … imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed w is-sinistru kienx hemm n-nexus ta' kawza prossima w immedjata." [vide **Il-Pulziija v Manuel Schembri per Onor. Imh. W. Harding datata tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1949**].*

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[55]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

55 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[56]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: <u>so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable</u>".[57] [sottolinejar tal-Qorti]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[58] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[59] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[60] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[61]

---

[56] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

[57] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67

[58] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

[59] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

[60] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

[61] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata

> Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.**[emfazi tal-Qorti]
>
> Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[62]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar,** fejn il-Qorti ghamlet studju *funditus* dwar l-elementi kostittutivi tar-reat previst bl-artiklu 225 tal-Kodici Kriminali, intqal: [63]

> "Kif spjiega l-gurista taljan **Francesco Antolisei**, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.
>
> "Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle

[62] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[63] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004.

autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]

"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).

In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk ilprekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita." [emfazi ta-Qorti]

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:
"*Kif jispjiega l-gurista **Francesco Carfora** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.*

……Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :
"*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid :
"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

> Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:
> "*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Ghalhekk sabiex tirrizulta l-*culpa,* din il-Qorti trid tassigura ruhha li jezisti ness bejn xi att attribwibbli lill-imputat u r-rizultat, u cioe' bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti.

Illi ma jirrizulta l-ebda ness bejn in-nuqqas t'osservanza tal-qafas regolatarju dwar *goods lift* mill-imputat Galea u l-mewt ta' Alfred Mizzi, u ghalhekk ma tista qatt tinstab htija fi Clinton Galea fuq din l-ewwel imputazzjoni. *Multo Magis* ma tistax tinstab htija f' Matthew Micallef u dan ghad-diversi ragunijiet li gew ampjament trattati meta l-Qorti kienet qed tikkunsidra t-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena erogabbli ghall-ksur tal-artikolu 6 tal-Att, ghal liema ksur ghandu jwiegeb Galea, il-qorti regghet ikkunsidrat li d-*decujus* kien daqstant iehor responsabbli ghall- mankanzi riskontrati dwar il-*lift,* liema mankanzi jinghad ma giex pruvat li b'xi mod ikkontribwew ghas-sinistru. Post Mizzi qatt ma kellu jkun fuq *goods lift* anzi l-ligi dan kienet tipprekludieh! Mhux talli telgha fuq il-*lifting platform* meta kien hekk prekluz, izda ghazel li joqghod jinnavika fuq il-*fork lifter* fil-hin li dan kien fuq il-*lifting platform.*

Hu precizament ghal din ir-raguni w tenut kont tar-responsabbilita` li kien jaqsam id-*decujus* mal-imputat Galea ghall-vjolazzjonijiet rizultanti, li qed jigi deciz li l-ispejjez peritali m'ghandux issofrihom l-imputat fl-intjier taghhom.

F'dan il-mument il-Qorti thossha fid-dmir li taghmel l-osservazzjonijiet taghha peress li fil-kors tal-proceduri kienu ventilati teoriji dwar x'effettivament sehh f'dik l-ghodwa fatidika tas-26 ta' Mejju, 2011. Mill-pprovi akkwiziti, jirrizulta li dan ma kien xejn aktar minn incident tragiku li fih tilef hajjtu Alfred Mizzi. Mir-ritratti esebiti jidher ragel li kien ghaddej fuq xogholu fil-hin li gara s-sinistru; jidher li kien qed jaghti z-zejt lil *fork lifter* x'hin gara l-incident kif jixhed il-fatt li nstab bil-

lembut taz-zejt ghadu mizmum f'idu.[64] Ghalkemm xejn mhu eskluz, tenut kont li intenzjoni u rieda tifforma f'sekonda, ma hemm lanqas l-icken indizzju li s-sinistru gie precipitat. Difficilment jitwemmen li persuna li t-tir taghha kien xort'ohra, kienet ser tiehu toqghod taghmel *service* lill-*fork lifter* sekondi biss qabel ma sehhet it-tragedja; mhux talli hekk, izda sa zewg minuti qabel ma jidher il-gisem tal-vittma maqbud fix-shaft tal-lift, dan sahansitra ha l-izbriga sabiex qabel ma jhaddem il-*lifting platform*, igorr il-gradi ta' sigurta` minn naha wahda ghall-ohra u jipprocedi biex jaghlaqhom.[65]

Fil-fehma tal-Qorti mhemmx lok ghall-spekulazzjoni ulterjuri. Dan kien incident tragiku *sic et simpliciter*!

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tillibera ghal kollox lil Matthew Micallef minn kull htija u piena, u tillibera lil Clinton Galea mill-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 6(1) u 38(3) tal-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Clinton Galea hati tat-tieni imputazzjoni, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,172.42 rapprezentanti nofs l-ammont tal-ispejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

In vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti dwar l-inkonsistenzi rizultanti fir-Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet (A.L. 231 tal-2007; L.S. 427.63), tordna notifika ta' din is-sentenza lil Onor. Ministru ghall-Edukazzjoni u Impjiegi u lil Onor. Segretarju Parlamentari Ghall-Protezzjoni tal-Konsumatur.[66]

---

[64] Fol.56

[65] Dok. JM a fol. 1098 et seq.

[66] Dan qed isir in vista li fl-2007, l-imsemmija regolamenti saru bis-sahha ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti u l-Att dwar l-Awtorità gha-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, mill-Ministru ghall-Kompetittività u Komunikazzjoni, u l-Ministru ghall-Edukazzjoni, Zghazagh u Impjiegi.

Notifika tal-istess sentenza ghadna ssir ukoll lil Avukat Generali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**